# KNISJA KATIDRALI GHAWDEX

**Uffiċċju Parrokkjali: Tel: 2155 4101 • fax 2156 4572 • Email: info@gozocathedral.org.mt • www.gozocathedral.org.mt**

**Ħinijiet: Filgħodu** Tnejn/Erbgħa/Ġimgħa: Mit-8:30am - 10:30am, **Filgħaxija:** Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: Mill-5:00pm - 7:00pm

Arċ Mons. Ġ Attard 9984 7099/21566988(Dar) • monsjosephattard@gmail.com • Dun Joseph Sultana 7993 5314 • Dun Joe Calleja 9944 7718, Librerija Pubblika 2156 0479

## KUNGRESS EWKARISTIKU DJOĊESAN

- **TRIDU FIL-PARROĊĊA BIT-TĦEJJIJA GĦAL KUNGRESS:** Mit-Tlieta 17 sal-Ħamis 19 ta' Novembru. Tiġi ċelebrata quddiesa bl-omelija fis-6:00pm fil-Katidral.

- **ĊELEBRAZZJONI DJOĊESANA TAL-KUNGRESS EWKARISTIKU:** Tinżamm nhar il-Ħadd, 22 ta' Novembru 2009. Fit-3:30 bidu taċ-ċelebrazzjoni fi Pjazza San Franġisk, minfejn titlaq il-purċissjoni ewkaristika li tgħaddi minn Triq Putirjal għal Triq ir-Repubblika u tiġi fi tmiemha fi Pjazza Savina. Matul il-purċissjoni huma mitluba li jippartecipaw it-tfal tal-years 3 u 4, l-abbatini, l-membri tal-fratellanzi tas-Sagrament, is-saċerdoti flimkien mal-lajċi. Fi pjazza Savina titkompla ċ-ċelebrazzjoni permezz tal-Liturġija tal-Kelma u wara l-Eċċ. T. Mons Isqof Mario Grech iwassal il-messaġġ għall-okkażjoni. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bil-barka sagramentali. Bħala komunita parrokkjali aħna lkoll mistednin sabiex nippartecipaw f'din iċ-ċelebrazzjoni djoċesana.

**N.B. Ser ikunu provduti siġġijiet għal kulħadd fi Pjazza Savina**
**Infakkru li l-quddiesa tal-5:00pm ma jsirx illum fil-Katidral.**

- **AVVIŻ GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** Fl-okkażjoni ta' din il-festa, il-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ qegħda tistieden liż-żgħażagħ sabiex jieħdu sehem mal-kor biex janimaw iċ-ċelebrazzjoni djoċesana ta' din il-festa. Dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jippartecipaw f'dan il-kor huma mitluba li jattendu għall-prova li ser issir nhar is-Sibt, 21 ta' Novembru, fiċ-Ċentru Ragħaj it-Tajjeb fl-4:00pm.

- **QUDDIESA B'SUFFRAĠJU TAL-ISQOF BALDACCHINO:** Nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Novembru 2009, fis-6:00pm, Eċċ. T. Mons Mario Grech ser imexxi quddiesa b' suffraġju ta' Mons. Francis Baldacchino, isqof kapuċċin li mexxa għal 9 snin id-djoċesi ta' Malindi fil-Kenja. Il-preżenza tagħna hija sinjal ta' apprezzament tal-ħidma li qegħdin iwettqu l-missjunarji Maltin. nħeġġukom sabiex tattendu.

***Grazzi***

- Lil Joseph Vella u l-familja u Maria u Anthony Bezzina li offrew għadd ta' kotba lil-librerija pubblika tal-Katidral. Nirringrazzjawhom minn qalbna!

- **IKOMPLI L-BOOKINGS GĦALL-QUDDIES GĦAS-SENA 2010:** Dawk li jixtiequ jibbukkjaw il-quddies għas-sena 2010, huma ġentilment mitluba li jiġu fl-Uffiċċju parrokkjali mit-Tlieta sal-Ġimgħa bejn il-5.00am u s-7.00pm. ***Kull intenżjoni tiswa € 7.***

- **ĦARĠA GĦALL-ANZJANI:** Tinżamm nhar it-Tlieta, 17 ta' Novembru 2009. Niċċelebraw l-Ewkaristija fil-Kappella taċ-Ċimiterju ta' Santa Marija fir-Rabat, wara jkollna ħin liberu fil-Belevedere tal-Qala u *"light refreshments"* fil-Bukkett Restaurant. Tluq minn Pjazza Savina fid-8:45am. Inħeġġu l-anzjani tal-komunità parrokkjali tagħna sabiex jattendu għal din l-attività soċjali ta' darba fix-xahar.

- **"TLIET IRJUS IFITTXU TOMNA":** Is-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesu qed itella' kummiedja divertenti fi tliet atti bl-isem Tliet Irjus ifittxu Tomna. Ir-rappreżentazzjonijiet ser jittellgħu nhar is-Sibt 21 ta' Novembru, fis-7:00pm, u l-għada l-Ħadd, 22 ta' Novembru 2009 fis-7:00pm; dejjem fis-sala tas-Seminarju. Biljetti jistgħu jinkisbu mill-uffiċċju par-rokkjali jew mis-seminarju fuq in-numri (21556479, 99829168). Inħeġġukom sabiex tat-tendu u fl-istess ħin tkunu qegħdin tgħin lis-seminarju fil-formazzjoni tas-saċerdoti t'għada.

- **MIT-TRANSPLANT SUPPORT GROUP:** Nhar il-Hadd, 15 ta` Novembru, l-quddiesa tal-familja tal-10:30 am, ser tkun b'suffragju tal-erwieħ tal-mejtin tad-donaturi tal-organi li ħallew l-organi tagħhom għat-trapjanti. Din il-Quddiesa, se ssir fuq inizjattiva ta` **Transplant Support Group (Sezzjoni Ghawdxija ).** Dan il-grupp minbarra li joffri għajnuna lill-membri tiegħu, jaħdem kontinwament fuq bażi volontarja, biex titqajjem kuxjenza f`pajjizna, dik li wieħed jiddeciedi u jirreġistra ismu bħala donatur ta` l-organi għal wara mewtu. Għal aktar taghrif wieħed jista` jżur www.transplantsupport.com.mt

| | |
|---|---|
| 15.11.09 | 4.45am Dolores Camenzuli, 5.45am,6.45am Familja Micallef, 7.45am Toni Grech, 10.30am Ċettina Debrincat, 12.00pm Wenzu u Mary Debrincat, 5.00pm Familja Tabone **(Magħmudija)**, 6.00pm Maria Hili, 7:15pm Frankie u Mikelina Zammit. |
| 16.11.09 | Il-quddies kollu jkun għall-erwieħ ta' Olga Cauchi |
| 17.11.09 | 5.30am,6.15am Skond l-intenżjoni ta' Mons Girgor Grech, 7.30am,8.00am John Saliba, 6.00pm Pietru Pawl Camilleri, 7.15pm Ġużi Calleja. |
| 18.11.09 | 5.30am Maria Dolores Buttigieg, 6.15am Ġużeppa Bonnici u familja Mompalao, 7.30am Maria Dolores Buttigieg, 8.00am Maria Dolores Buttigieg, 6.00pm Elija Mercieca, 7.15pm Maria Dolores Buttigieg. |
| 19.11.09 | 5.30am Wiġi Mercieca, 6.15am Familja Farrugia Dimech, 7.30am M'Angelo u Manuel Formosa, 8.00am Familja Said u Lina Lupi, 6.00pm Familji Farrugia u Conti, 7.15pm Familji Scicluna u Spiteri. |
| 20.11.09 | 5.30am,6.15am,7.30am,8.00am,6.00pm Familji Cauchi u Micallef, 7.15pm Feliċ u Katerin Vella. |
| 21.11.09 | 5.30am,6.15am,7.30am,8.00am,6.00pm Ġużeppina Attard, 7.15pm Ġużi Calleja. |